**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 261/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Farrugia)**

**Vs**

**Reuben Sammut**

**Illum 11 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' Reuben Sammut, iben Anthony Sammut u Saverina Sammut neè Vella, imwieled il-Pietà nhar it-18 ta' Jannar 1976, residenti ġewwa Bayside, Fl2, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 95676(M), talli nhar l-14 ta' Jannar 2022 għall-ħabta ta' 16:00hrs, waqt li kien fl-inħawi ta' Triq Salvu Buhagiar, Marsascala:

1. B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Tomothy Paul White, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioè li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali);

2. U aktar talli fl-istess jum, ħin u ċirkostanzi bħala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' periklu għan-nies, naqas li jżomm dak il-kelb taħt kontroll;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Kurt Farrugia[3] u ta' Dr. Joseph Pace[4] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Settembru 2022 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Kurt Farrugia markati Dok. "KF1" sa' Dok. "KF3" a fol. 29 sa' 34 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS 2379 Stephanie Zammit[5] u ta' Timothy Paul White[6] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru

[1] Fol. 22 tal-proċess.
[2] Fol. 26 tal-proċess.
[3] Fol. 28 tal-proċess.
[4] Fol. 35 u 36 tal-proċess.
[5] Fol. 38 sa' 40 tal-proċess.
[6] Fol. 41 sa' 46 tal-proċess.

2022 u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat[7] u ta' Joseph Incorvaja[8] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża u rat in-notamenti relattivi għat-trattazzjoni tad-Difiża li ġew esebiti fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2022[9];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-14 ta' Jannar 2022 għall-ħabta ta' 16:00hrs, waqt li kien fl-inħawi ta' Triq Salvu Buhagiar, Marsascala: (1) b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Tomothy Paul White, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioè li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali); (2) u aktar talli fl-istess jum, ħin u ċirkostanzi bħala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' periklu għan-nies, naqas li jżomm dak il-kelb taħt kontroll.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Qabel ma' l-Qorti tgħaddi biex tittratta u tiddetermina l-mertu ta' dawn il-proċeduri, tħoss li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Fit-**12 ta' Settembru 2022**[10] l-imputat ġie mixli bl-imputazzjonijiet in eżami quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja. Meta wieħed jikkonsidra l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat però jirriżulta immedjatament evidenti li entrambe ma humiex di kompetenza tal-Qorti Kriminali iżda huma di kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, stante li l-pieni kontemplati huma s-segwenti: (a) Artikolu 226(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet ta' l-ewwel imputazzjoni, piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn €2,329.37; (b) Artikolu 14 tal-Kap.312 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet tat-tieni imputazzjoni, ammenda ta' €11.65 u d-distruzzjoni tal-kelb.

L-Artikolu 370(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali: *(a) il-kontravvenzjonijiet kollha msemmijin f'dan il-kodiċi;* ***(b) id-delitti msemmijin f'dan il-Kodiċi meta jaqgħu taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, jew tal-multa, tal-priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn biż-żieda jew mingħajrha tal-multa jew ta' l-interdizzjoni; (ċ) ir-reati kollha kkontemplati f'liġijiet oħra meta jaqgħu taħt il-pieni msemmijin fil-paragrafu ta' qabel dan, jekk il-liġi ma tkunx tiddisponi xort' oħra***[11].

Apparte minn hekk, l-Artikolu 543(a)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Il-Pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (a)* ***fil-każ ta' delitti li għalihom il-liġi ma tiddisponix espressament li hija meħtieġa l-kwerela privata*** - fil-każ tar-reat ta' offiża involontarja, il-kwerela tal-parti

[7] Fol. 48 sa' 52 tal-proċess.
[8] Fol. 53 u 54 tal-proċess.
[9] Fol. 56 sa' 61 tal-proċess.
[10] Vide verbal tas-seduta tat-12 ta' Settembru 2022 a fol. 27 tal-proċess.
[11] Enfasi tal-Qorti.

offiża hija meħtieġa biss meta l-offiża tkun waħda ħafifa; … *(d)* ***fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali***[12].

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li neċessarjament għandha tipproċedi kif provdut fl-Artikolu 403 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux kif provdut fl-Artikolu 401(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Artikolu 403 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Jekk, meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti jkun jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, iżda ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u li dwaru ma hemmx ħtieġa ta' kwerela tal-parti offiża, il-qorti li mexxiet il-kompilazzjoni għandha tagħti s-sentenza fuq ir-reat skond l-Artikolu 377, u tordna li l-atti flimkien ma' kopja tas-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond l-Artikolu 401(3). (2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tgħodd ukoll kemm-il darba r-reat ikun wieħed li għalih it-tmexxija ta' l-azzjoni tmiss lill-parti offiża, u din ma tidhirx biex tirrinunzja għall-azzjoni.*

Għal kull buon fini jiġi osservat li Timothy Paul White deher quddiem il-Qorti u ta ix-xhieda tiegħu u fl-ebda stadju ma rrinunzja għall-azzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-imputat qed jiġi mixli li b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna offiża (ġrieħi) gravi fuq il-persuna ta' Tomothy Paul White, mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali (u cioè li ġabet il-konsegwenzi msemmija taħt l-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali) u li aktar talli fl-istess jum, ħin u ċirkostanzi bħala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' periklu għan-nies, naqas li jżomm dak il-kelb taħt kontroll.

Fil-każ in eżami ma huwiex kontestat li l-kelb ta' l-imputat gidem lil Timothy Paul White waqt li kien għaddej minn Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala. Li qed jiġi kontestat huwa r-responsabilità kriminali ta' l-imputat għal dan l-inċident u l-allegata perikolozità tal-kelb, li tiegħu qed tintalab id-distruzzjoni.

**Timothy Paul White**[13] xehed illi *I saw the dogs they were sitting on the pavement, so what I did was that I crossed into the road to avoid walking past the dogs. As I drew level with the dogs, one of them just lunged and I didn't know at the time but it bit me on the leg. It knocked me over into the street where the dog was still attached to my leg. The owner of the dog or I presume the owner of the dog had them on a lead but they've been pulled out of his control and he was pulled over as well. Now he thought to get these dogs off me but the dog bit me three times and I sustained 11 stitches. Eventually the dog let go, the owner carried on struggling with the dogs, in fact even kicking them at one time to try and restrain them and with that I just got out as quick as I can down the road. … Afterwards I stopped because I was picking my car from the car wash just up the road, they sat me down, looked at the wound, the local doctor who works in the pharmacy they contacted him and he came out onto the streets.* Tenna li *it knocked me into the street … the dog was still attached and when the dog let go, on examination when I got to a place of safety, I put my trousers up and I could see bite wounds which subsequently, when I was examined at St. James Hospital, the person cleaning the wound up said that it bit me three times and that's basically it. … basically the wound was in one place and the dog was doing that so it was one big wound… The doctor took a look at it, I knew him in person because he was my family doctor and he said "you're going to need to get stitches straight away and you're going to need to get a Tetanus jab". … After I contacted my wife who came and collected*

[12] Enfasi tal-Qorti.
[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2022, fol. 41 sa' 46 tal-proċess.

*me in the car and we went straight to … St. James. … Basically, I went to the emergency department, they came out with a wheelchair because I couldn't walk and I was bleeding profusely, they wheeled me in, cleaned the wound up and then stitched it. … basically they discharged me, they told me that I may need the localised pain killer, the Tetanus I had to prevent the infection and I had to go back in I think it was three or four days to have the wound re-assessed and re-dressed and in total it was three visits. … They took the stitches out and obviously sent me home.* Mistoqsi mill-Qorti dwar l-istat attwali tal-ferita, Timothy Paul White wieġeb *it's fine. I mean they did a wonderful job, it's cleaned up and I don't have any effects. So no problem. … My biggest concern with the attack wasn't so much about myself but I was concerned that if it bit a child, it could have been a lot more serious and so that's why I raised the complaint to the police.*

In kontro-eżami, Timothy Paul White ddikjara li l-imputat *he did all he can* [biex iżomm il-klieb] *and he was probably taken as much as by surprise as well. … He was pulled over by the dogs which may suggest that the dogs weren't under control which is my concern.* Ikkonferma li l-klieb kienu biċ-ċinga u ddikjara wkoll li l-imputat inġibed fit-triq mill-klieb, li skontu kienu klieb kbar u b'saħħithom. Ikkonferma wkoll li kien l-imputat li qala' l-kelb li kien qed jigdmu f'siequ.

Min-naħa tiegħu l-**imputat**[14] xehed illi *dan litteralment jiena ma rajtux ġej, ġie minn warajja. … Jiena ħriġt mid-dar wara x-xogħol, kienu xi l-erbgħa, kont qed nimxi fuq il-bankina fi Triq Salvu Buhagiar.* Mistoqsi kif kien qed iżomm lill-klieb, l-imputat iddikjara li kien qed iżommhom biċ-ċinga u tenna li *dan litteralment ġie minn warajja, Lanqas biss rajtu. … Ġie minn wara l-kelb u tant hu hekk li l-kelb inħasad. Ħasadli l-kelb u l-kelb għamel xogħlu fil-verità, protective. … Għax peress li ġie close tal-kelb, il-kelb inħasad.* Mistoqsi dwar x'għamel Timothy Paul White, l-imputat wieġeb *ma nafx, m'għandix idea għax dak il-ħin kif ħareġ għalih u qabadlu saqajh, jien tant ġbitu li waqajt ma' l-art, ġejt wiċċi 'l fuq, anke hu u tant ġbidtu jien li fl-aħħar inqala' u l-persuna qam u lanqas wiċċu ma rajt. Sa' dakinhar lanqas qatt ma ltqajt miegħu dan il-persuna.* Mistoqsi kif qasam White, l-imputat wieġeb *eżatt minn mal-kelb. … Issa hu ma qasamx, kieku kont jien kont naqsam dritt biex niġi n-naħa l-oħra tal-bankina imma dan qasam hekk eżatt minn mal-kelb u għadda hekk.* Mistoqsi dwar x'tip ta' kelb hu dak li gidem lil White, l-imputat iddikjara *mixed. … Labrador u pitbull però iktar għandu mill-labrador bħal speċi. … Ħareġ id-daqs iż-żgħir tal-pitbull għax il-pitbull huwa iżgħar, mhux breed kbira.* Mistosqi dwar ir-rutina tal-ħruġ ta' dan il-kelb, l-imputat wieġeb *darbtjen kuljm. Dakinhar ħriġtu fl-erbgħa wara li ġejt mix-xogħol għax kelli bżonn noħroġ filgħaxija u ma stajtx nagħmel mod ieħor u hrġitu fl-4:00 għax kont noħroġ mid-dar, kont immur sal-park hemm Wied il-Għajn, forsi nagħmel nofs siegħa hemmhekk, idur u jagħmel l-affarijiet tiegħu u nerġa' nieħdu id-dar.* Iddikjara li dan il-kelb, li ilu għandu disa' snin u joqgħod id-dar flimkien miegħu u l-familja tiegħu, qatt ma taħ problemi.

In kontro-eżami mistoqsi x'ried jgħid meta qal li l-kelb in kwistjoni huwa protective, l-imputat wieġeb *għax għadda minn miegħi, jiena fejn naf x'ħaseb* u mistoqsi jekk qadtx ħaseb li kellu joħroġ lill-kelb bis-sarima, l-imputat wieġeb *m'għandix għalfejn għax qatt ma għamel dawn l-affarijiet.*

Fil-każ in eżami hemm ukoll xhud okulari li ra l-inċident iseħħ, ossia l-persuna ma kin kien qed jitkellem l-imputat dakinhar ta' l-inċident. Dana x-xhud, ossia **Joseph Incorvaja**[15], xehed illi *lis-sinjur* (ossia lill-imputat) *illum sirt naf x'jismu jien. Għalkemm nitkellmu, jien inkun ta' spiss fit-terrazzin u noħroġ inpejjep sigarett hemm minħabba li għandi t-tfal tat-*

[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022, fol. 48 sa' 52 tal-proċess.
[15] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2022, fol. 53 u 54 tal-proċess.

*tifla għadhom babies u s-sinjur jgħaddi bil-klieb. … Triq Salvu Buhagiar għax it-terrazzin jagħti fuq it-triq. … Wied il-Għajn. Mhux darba jew tnejn "kif int, all right? Kollox sew?". Dan qed nitkellmu jien ġot-terrazzin u hu b'żewġt iklieb fuq iċ-cinga, jien bil-kelba tiegħi ħdejja fit-terazzin, jgħaddi persuna tgħidlix min hu, kif u x'fatta, għadda b'pass mgħaġġel, għadda viċin ħafna ta' wieħed mill-klieb, il-kelb inħasad, is-sinjur spiċċa minn tulu ma' l-art jitmiegħek biex jiġbed il-kelb u jien li m'għandi x'naħti xejn, dan ma nafx minu hu dan is-sinjur, wara sirt naf li Ingliż għax beda jkellimna bl-Ingliż, lili qalgħali l-fundamenti tal-familja u tal-mejtin kollha tiegħi meta jiena lanqas għandi x'naqsam xejn. … x'ħin qam. Dar lejn is-sinjur u beda jgħajjru, dar lejja u jipponta subgħajh lejja ġot-terazzin u joffendini. Imma jien x'għamilt? Ifhem jien ex-Pulizija u bir-rispett kollu dan x'għamiltlu jien? U qalgħali ta' jiġifieri, qalgħali bl-ikrah. Jiena m'għandix x'naħti.*

Ir-Regolamenti li bihom huma marbuta s-sidien u detenturi ta' klieb jinsabu fl-Att dwar il-Klieb, Kap.312 tal-Liġijiet ta' Malta u fir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Klieb, Legislazzjoni Sussidjarja 312.01.

Ir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 312.01 jipprovdi li: *(1) Ebda persuna li jkollha xi kelb taħt il-kontroll tagħha ma għandha tħalli li dak il-kelb jiġġerra u meta dak il-kelb jittieħed f'xi triq, għandu jinżamm b'ċinga: Iżda meta kelb jintuża għall-kaċċa, f'dak iż-żmien u f'dak il-post fejn il-kaċċa tkun permessa, id-dmir li l-kelb jinżamm biċ-ċinga ma japplikax. (2) Jekk persuna tkun taf jew tissusspetta li il-kelb li jkun taħt il-kontroll tagħha huwa temperamentali jew perikoluż jew jista' jweġġa' lil xi persuna, dik il-persuna għandha tara li l-kelb jintlibes sarima f'kull ħin f'kull post pubbliku.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li kull kelb, irrispettivament mill-kobor u/jew temperament tiegħu, iżda ad eċċezzjoni tal-klieb użati għall-kaċċa, li jittieħed fit-triq għandu jinżamm biċ-ċinga. Din hija r-regola ġenerali li kull sid jew detentur ta' kelb għandu josserva u jaderixxi magħha. Mill-provi prodotti fil-każ in eżami irriżulta bħala fatt għal kollox inkontestat li effettivament l-imputat kellu ż-żewġt iklieb fuq ċ-ċinga. Konsegwentement għalhekk l-imputat onora dan ir-regolament ġenerali impost fuqu.

Il-Prosekuzzjoni però saħqet ferm fuq it-tieni parti ta' dan ir-Regolament u cioè li fejn persuna tkun taf jew tissusspetta li l-kelb in kwistjoni huwa temperamentali jew perikoluż jew jista' jweġġa' lil xi ħadd, dak il-kelb għandu jkun liebes sarima. Irrispettivament minn kull argument li seta' sar dwar jekk il-Prosekuzzjoni effettivament xlietx o meno lill-imputat bil-ksur ta' dan ir-Regolament, mill-istess jirriżulta b'mod ċar li dan il-provvediment ma japplikax b'mod ġenerali u wieħed irid jikkonsidra l-fattispecie tal-każ partikolari. Essenzjalment wieħed irid jikkonsidra jekk mill-provi prodotti l-imputat kienx jaf jew setax jissusspetta li l-kelb, jew aħjar il-klieb, li kellu taħt il-kontroll tiegħu dakinhar ta' l-inċident humiex temperamentali, perikolużi u/jew setgħux jweġġgħu lil xi ħadd. Il-Qorti hawn mill-ewwel tagħmilha ċara li l-fatt li wieħed mill-klieb ta' l-imputat effettivament gidem lil Timothy Paul White ma jfissirx b'mod għal kollox awtomatiku li kien hemm il-vjolazzjoni ta' dan ir-Regolament għaliex dak il-ħin il-kelb ma kellux sarima.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 14 tal-Kap.312 tal-Liġijiet ta' Malta, liema provvediment tal-Liġi - marbut sfieq mat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat - jipprovdi li: *(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għan-nies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-qorti għanda tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid. (2) Ma jkunx meħtieġ għall-Prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-qorti tordna li jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1). (3) Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu*

*(1) tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-qorti għandha xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġi distrutt. (4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġi pruvat kuntrarju.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta ċar li għalkemm il-presunzjoni tal-Liġi fl-Artikolu 14 tal-Kap.312 tal-Liġijiet ta' Malta hija versu l-perikolożità assunta tal-kelb li jigdem lil xi ħadd, l-istess provvediment ma jiskattax u ma japplikax kemm-il darba jiġi ppruvat li minkejja dak li jkun ġara, il-kelb bħala fatt ma huwiex perikoluż. Bl-istess mod ma jistax ikun hemm ksur tar-Regolament 3(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm-il darba ma jiġix pruvat li l-kelb in kwistjoni huwa temperamentali jew perikoluż jew jista' jweġġa' lil xi persuna. Fir-rigward tal-punt li il-kelb jista' jweġġa' lil xi ħadd, il-Qorti xorta temmen li tali att irid ikun sar mill-kelb mingħajr ebda forma ta' provokazzjoni jew aġir inkonsult da parte tal-persuna li tweġġa jew inkella għaliex sid jew id-detentur tal-kelb ma jkunx qed jieħu ħsiebu u jżommu taħt kontroll kif meħtieġ mill-Liġi.

Mill-provi prodotti fil-każ in eżami, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li l-kelb li gidem lil Timothy Paul White huwa kelb perikoluż u lanqas ma temmen li huwa temperamentali jew li deliberatament u bla ebda raġuni seta' jweġġa' lil xi ħadd.

L-imputat saħaq li dakinhar ta' l-inċident waqt li huwa kien wieqaf fuq il-bankina qed jitkellem ma' persuna oħra, li effettivament irriżulta li huwa Joseph Incorvaja, bil-klieb miegħu marbutin biċ-ċinga, ġie persuna minn warajh, li rriżulta li huwa Timothy Paul White, għadda viċin ħafna tal-klieb u f'dak il-ħin wieħed mill-klieb inħasad u qabad u gidem lil White. Huwa evidenti għalhekk li l-imputat jikkontendi li dak li ġara ma ġarax minħabba xi nuqqas tiegħu fl-eżerċizzju tal-kontroll fuq il-klieb, inkluż il-kelb in kwistjoni, jew għaliex l-istess kelb huwa perikoluż jew temperamentali jew li deliberatament jista' jweġġa' lil xi ħadd, imma għaliex meta l-kelb ħass presenza warajh li ma għarafx li kienet ġejja, inħasad u pratikament instintivament irreaġixxa billi, sfortunatament, gidem lil Timothy Paul White.

Timothy Paul White jagħti verżjoni kemm xejn differenti fis-sens li fl-ebda ħin ma jirrikonoxxi li l-kelb seta' nħasad hekk kif ġie minn warajh u kien għalhekk li irreaġixxa kif irreaġixxa, anzi jikkontendi li kif ra lill-imputat fuq il-bankina bil-klieb, huwa niżel fit-triq proprio biex ma jgħaddix mal-klieb iżda hekk kif ġie ħdjehom jew aħjar livell magħhom, wieħed minnhom qabad u għamel għalih. Jikkontendi li turija ċara li l-imputat ma kellux kontroll fuqhom skontu tirriżulta mill-fatt li kif il-kelb agredih, l-imputat inġibed u waqa' ma' l-art.

F'dan il-każ però kien hemm xhud okulari, ossia Joseph Inkorvaja, li ra l-inċident iseħħ stante li dakinhar kien barra fil-gallarija tar-residenza tiegħu jitkellem ma' l-imputat li kien fuq il-bankina fit-triq. Dana Inkorvaja bla tlaqliq ta' xejn jgħid li *dan qed nitkellmu jien ġot-terrazzin u hu b'żewġt iklieb fuq iċ-cinga, jien bil-kelba tiegħi ħdejja fit-terrazzin, jgħaddi persuna tgħidlix min hu, kif u x'fatta, għadda b'pass mgħaġġel, għadda viċin ħafna ta' wieħed mill-klieb* u seħħ l-inċident.

Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li l-inċident in kwistjoni la seħħ għaliex l-imputat ma kellux il-klieb tiegħu taħt kontroll dak il-ħin u lanqas għaliex il-kelb, li sfortunatament aggredixxa lil Timothy Paul White. huwa temperamentali, perikoluż jew għaliex deliberatament weġġa' lil White. Anzi, Hija konvinta li l-inċident ġara għaliex la l-imputat u lanqas il-klieb ma raw lil White ġej, u dana peress li kien ġej minn warajhom, u proprju għaliex ma kienux konxji mill-fatt li kien ġej White minn warajhom, per di più b'pass mgħaġġel kif qal Incorvaja, kif ġie viċin magħhom il-klieb inħasdu u wieħed minnhom instintivament dar u gidmu. Hawn il-Qorti qed tgħid instintivament mhux għax temmen li l-kelb huwa propens li jweġġa' lil xi ħadd imma għaliex huwa minn ewl id-dinja li annimal,

li addirittura kien qiegħed bi kwietu bilqiegħda ħdejn sidu, meta jinħasad inaspettatament jista' jirreaġixxi b'mod anke agressiv, nonche protettiv verso sidu. Apparte minn hekk il-Qorti tqis li White verament għadda viċin tal-klieb u mhux livell mal-klieb kif jikkontendi hu. Għalkemm huwa qal li niżel fit-triq biex jevitahom, il-Qorti hija fermament konvinta li huwa baqa' għaddej eżatt minn taħt il-bankina u b'hekk ġie minn wara għal viċin il-klieb, għaliex kieku kien mod ieħor hu, il-klieb u l-imputat kienu x'aktarx jispiċċaw iktar 'l hemm fit-triq b'konsegwenzi possibilment ferm traġiċi. Anke fejn White jikkontendi li l-imputat ma kellux il-klieb tiegħu taħt kontroll, il-Qorti assolutament ma taqbilx. L-imputat kien qed iżomm il-klieb biċ-ċinga u meta wieħed minnhom irreaġixxa għal White u l-imputat addirittura waqa' ma' l-art u kien maħsud b'dak li kien qed jiġri, huwa xorta baqa' jżomm iċ-ċineg tal-klieb u finalment irnexxielu jaqla' lill-kelb li kien qed jigdem lil White, minn ma' sieq l-istess White.

Fattur ieħor li jwassal lill-Qorti temmen li l-kelb in kwistjoni ma huwiex perikoluż, temperamentali u/jew propens li jweġġa' lil xi ħadd, jirriżulta mix-xhieda ta' l-imputat - li ma ġiet bl-ebda mod debitament u sodisfaċentement kontradetta mill-Prosekuzzjoni - li f'disa' snin li dan il-kelb ilu għandu, kelb li per di più joħorġu darbtejn kuljum u anke jdur bih għal ben nofs siegħa fil-park ta' Wied il-Għajn u joqgħod id-dar miegħu u l-familja tiegħu - qatt ma tah problemi u qatt ma agredixxa jew weġġa' lil xi ħadd. Hawn il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li b'xi mod tista' xxejjen u jew tikkontradixxi dak affermat mill-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat bl-ebda mod ma vvjola dak provdut fir-Regolament 3(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 312.01 u lanqas ma tirriżulta l-vjolazzjoni ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.312 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma tistax issibu ħati ta' ksur ta' regolamenti stipulati fil-Kap.312 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dawn iċ-ċirkostanzi wkoll il-Qorti lanqas ma tista' ssib lill-imputat ħati ta' l-akkuża ta' offiża involontarja fuq Timothy Paul White minħabba nuqqas ta' ħsieb jew traskuraġni. Fil-fehma tal-Qorti l-elementi ta' tal-*culpa* li jwasslu għar-reità ai termini ta' l-Artikolu 226 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, anke fejn jidħol nuqqas ta' ħsieb u/jew traskuraġni, f'dan il-każ ma jissussistux.

Dwar dan issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Shana Marie Mifsud, Appell Nru. 273/2021** deċiża fit-28 ta' Jannar 2022: *tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kopla, jibqa' dejjem illi l-elementi tagħha huma l-volontarjetà ta' l-att, in-nuqqas ta' previżjoni ta' l-effetti dannużi ta' dak l-att, u l-possibilità ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setgħux ikunu prevedibbli ħlief b'diliġenza straodrinarja, li l-liġi ma teżiġix, u li se mai tista' ġġib kolpa ljevissima, la ma hix inkriminabbli, ma hemmx ħtija. Il-kolpa tista' tikkonsisti anke f'imprudenza; b'mod illi min jikkometti att imprudenti avolja huwa ma riedx jagħmel ħaġ'oħra ħlief dak l-att, u ma pprevediex li dak l-att seta' jkollu konsegwenzi koroħ, huwa jibqa' fi ħtija għax seta' jipprevedi dawk il-konsegwenzi. S'intendi, fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet miżurabbli għas-sekonda taċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ, li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena*[16].

Jiġi ribadit li mill-provi prodotti jirriżulta ben ċar li għall-imputat ma setax kien prevedibbli li l-kelb kien se jagħmel ħsara lil Timothy Paul White u dana billi apparte l-fatt li l-kelb kien marbut biċ-ċinga, kif provdut fil-Liġi, Timothy Paul White kien ġej minn wara l-imputat u b'hekk l-istess imputat ma setax jarah ġej. L-imputat fl-ebda ħin ma ppermetta li klieb tiegħu jkunu ta' perikolu għal oħrajn u lanqas kienu hu li b'xi mod ippermetta li l-kelb jersaq viċin ta' Timothy Paul White, imma kien l-istess White li ġej minn wara l-imputat u l-klieb, għadda

[16] Il-Pulizija v. John Vella, deċiża fil-15 ta' Frar 1958.

viċin ta' dawn il-klieb. Mill-atti lanqas ma jirriżulta li l-kelb li gidem lil White kien perikoluż jew aggressiv min-natura tiegħu u li b'hekk għall-imputat kien prevedibbli li l-kelb tiegħu kien se jigdem lil minn jgħaddi minn ma' ġembu.

Konsegwentement jiġi ribadit li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tar-reat ta' offiża involontarja a dannu ta' Timothy Paul White.

Għalkemm l-Artikolu 14(3) tal-Kap. 312 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu (1) tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-qorti għandha xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġi distrutt*, f'dan il-każ il-Qorti ma hijiex ser tordna d-distruzzjoni tal-kelb in kwistjoni u dana billi fid-dawl ta' dak kollu li rriżulta tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri ma hijiex affattu sodisfatt li l-kelb hu perikoluż.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti tiddikjara li l-imputat ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minnhom. Għar-raġunijiet mogħtija iktar 'l fuq, il-Qorti ma hijiex qed tordna d-distruzzjoni tal-kelb ta' l-imputat.

**Ai termini ta' l-Artikolu 403(1) u 401(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol.**

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**